Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 208/2003

**Standard Publications Limited**

**Vs**

**AZ INK Co. Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ elfejn, hames mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,552.80), liema somma, tirraprezenta bilanc ta‘ prezz dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici in kwantu ghal servizzi ta’ reklamar rezi lilha mill-istess Standard Publications Limited fl-2002 u fl-2003, u dana fuq ordni tas-socjeta’ konvenuta stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta‘ sekwestru pprezentat mal-avviz u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta, presentata illum stess “seduta stante”, u li biha ammettiet t-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz u tikkundana lill-istess socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm2,552.80,0 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta’ April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tal-10 ta’ April 2003.

--------------------------------TMIEM--------------------------------